TERZ'ORDNI

# L-Istruttura u l-Uffiċjali tal-Fraternità - *Skeda 10*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**



"Ħadd ma jqiegħed l-inbid il-ġdid f'damiġġani qodma tal-ġild, għax inkella l-inbid jifqa' d-damiġġani, u jintilef kemm l-inbid u kemm id-damiġġani. Iżda nbid ġdid jitqiegħed f'damiġġani ġodda!" (Mk 9:14-17). Dan il-kliem ta' Ġesù minbarra li min-naħa l-waħda jurina l-ħtieġa tat-tiġdid fil-forom li fihom inżommu tajjeb l-inbid tal-fidi, min-naħa l-oħra wkoll jitfgħalna dawl fuq il-verità li mingħajr strutturi f'posthom u b'saħħithom l-inbid it-tajjeb jinsab fil-periklu li jintilef. Għaldaqstant huwa meħtieġ li f'kollox, il-valuri tagħna, inħarsuhom permezz ta' strutturi adatti, bħalma ħwejjeġ li jiswew nerfgħuhom f'posthom u mkejjen adatti sabiex ma jitnawrux u ma jitħassrux. Ġesù drabi oħra jġib l-eżempju tat-teżor tal-qalb li importanti jitqiegħed "fejn xejn ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid, u fejn ma hemmx ħallelin jinfdu u jisirqu." (ara Mt 6:19-23). Jekk dan jgħodd għall-ħwejjeġ materjali kemm aktar jgħodd għall-ħwejjeġ tar-ruħ!

Għaldaqstant dan jgħodd ukoll għall-ħajja Karmelitana u l-ideal li aħna pprofessajna li ngħixu bħala Nsara dixxipli ta' Ġesù, f'dan il-każ bħala Terzjarji Karmelitani Sekulari. Huwa għalhekk li r-Regula tat-Terz'Ordni mhijiex magħmula biss mit-taqsima spiritwali li tqiegħed f'lingwaġġ teoloġiku u spiritwali l-ideal tal-Ħajja Karmelitana fit-Terz'Ordni, iżda wkoll insibu fiha taqsima ġuridika li tagħti struttura, jew 'damiġġana', li fiha l-ideal, jew l-inbid, tal-Ħajja Spiritwali Karmelitana jkun jista' jinżamm fiż-żgur.

Għaldaqstant il-parti ġuridika hija importanti daqs il-parti spiritwali għax l-osservanza tagħha tħares l-ideal. Min-naħa l-oħra l-parti ġuridika waħedha mhijiex kompluta għax issir biss forma ta' legaliżmu bla ħajja. Bħalma lkoll nafu, ir-Regula u l-Istatuti jitolbu minn kull fraternità li meta stabbilit titlaqqa' l-Laqgħa Ġenerali Annwali li fiha ssir l-elezzjoni tal-Uffiċċjali tal-Fraternità. In-normi tal-Istatuti li jrieġu dan l-aspett huma ħdax (nru 44 sa nru 55). Dawn in-normi jiġbru fil-qosor u fl-essenzjalità tagħhom in-normi tar-Regola dwar l-għażla tal-Uffiċjali. X'inhuma dawn l-Uffiċċji u għalfejn huma meħtieġa? Kull struttura fi ħdan it-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari hija maħsuba sabiex il-karizma u l-għajxien tagħha jidhru bis-sħiħ kemm fl-Ordni, kif ukoll fil-Knisja u s-Soċjetà. Kif jgħallimna San Pawl, kull karizma tingħata għall-ġid komuni (1 Kor 12:7) u għalhekk it-tħaris tal-istruttura mhuwiex biss ta' ġid għall-Fraternitajiet iżda wkoll għall-Ordni, il-Knisja u s-Soċjetà. X'inhi din l-istruttura?

Is-Superjur leġittimu tal-Fraternità TOKS huwa l-Pirjol Ġenerali li b'digriet tiegħu titwaqqaf

fraternità. Il-Pirjol Ġenerali huwa għat-TOKS il-fus li madwaru jdur it-tisħib fil-familja wiesgħa tal-Karmelu. Huwa għalhekk figura li tgħaqqad. Għal dan l-għan fit-talb tal-fraternità, għandna talba speċjali għall-Pirjol Ġenerali. Imbagħad is-superjur immedjat huwa l-Pirjol Provinċjali li jmexxi l-Kunsill Provinċjali tat-TOKS u l-Assistent Spiritwali Provinċjali. Huwa l-Pirjol Provinċjali li jagħżel kull Assistent Spiritwali tal-Fraternitajiet sabiex dan jimxi flimkien mal-Fraternitajiet lokali. Xogħlu huwa li jieħu ħsieb il-formazzjoni spiritwali tal-Fraternità fl-ispirtu Karmelitan u jaħdem id f'id mal-President/a tal-Fraternità u l-Kunsill tagħha.

Il-President jew Presidenta għandhom id-dmir li janimaw il-Fraternità, ireġuha, u huma l-prinċipju tax-xirka tal-aħwa fi ħdan il-Fraternità. Għaldaqstant dan huwa rwol importanti għax jitlob li min ikun magħżul għal dan l-uffiċċju jkollu fi ħsiebu l-ġid ta' kulħadd u jkun ukoll strument ta' għaqda fejn kulħadd iħossu milqugħ, apprezzat u milħuq. Fuq livell strutturali l-President jew il-Presidenta ssejjaħ il-laqgħat tal-Fraternità u tal-Kunsill. Rwol ieħor importanti huwa dak ta' rappreżentanza. Huwa l-President jew Presidenta li fi ħdan il-Komunità parrokkjali jew il-komunità Nisranija iktar wiesgħa fit-territorju li fih jinsab it-TOKS, jirrappreżenta l-Fraternità.

Il-Kunsill tal-Fraternità magħmul minn erba' membri għandu r-rwol importanti li jassisti lill-President jew Presidenta fid-djalogu u d-dixxerniment meħtieġa għat-treġija tal-Fraternità. Il-Kunsill, flimkien mal-President jew Presidenta, megħjuna wkoll mill-Assistent Spiritwali, huma meħtieġa wkoll spiritwalment għax jiggarantixxu l-ġid spiritwali u t-treġija f'waqtha tal-Fraternità. Huwa fil-komunjoni flimkien li nagħrfu r-rieda ta' Alla, huwa meta l-aħwa jinġabru flimkien li Ġesù Rxoxt jidher. F'dan iż-żmien li fih il-Knisja qed tiskopri mill-ġdid is-sies sinodali, huwa tajjeb li nsaħħu din l-istruttura konċiljari fil-fraternitajiet TOKS.

Uffiċjal li sfortunatament ma tantx nisimgħu dwaru fil-fraternitajiet tagħna huwa dak jew dik responsabbli mill-formazzjoni Karmelitana tal-kandidati. It-Terzjarju/a responsabbli mill-formazzjoni jaħdem id f'id mal-President/a, il-Kunsill u l-Assistent Spiritwali. Huwa dak jew dik li jressqu l-Kandidati għall-vestizzjoni, u l-professjonijiet temporanji u perpetwi. Għaldaqstant jeħtieġ li l-persuna tkun adatta u ffurmata tajjeb fejn tidħol l-ispiritwalità u l-identità Karmelitana kif ukoll fuq prinċipji bażiċi ta' ħajja u maturità umana.

Ma' dawn l-Uffiċjali nsibu wkoll it-Teżorier/a u s-Segretarju/a. Tal-ewwel jieħu ħsieb l-ekonomija tal-Fraternità u jekk ikun il-każ, il-beni tagħha. Filwaqt li tal-aħħar minbarra s-sehem fil-laqgħat u l-kitba tal-minuti tal-Kunsill u tal-Fraternità jieħu ħsieb ukoll ir-reġistri u b'attenzjoni jimxi mal-President/a, il-Kunsill kif ukoll mal-Fraternità.

Tkun ħaġa f'waqtha li fil-laqgħat tal-Fraternità nagħtu daqqa t'għajn lin-normi li jirregolaw dawn l-Uffiċċji u l-Uffiċjali u naraw li nwettquhom fil-prattika, sabiex fejn hemm diġà, jissaħħu, u fejn ma hemmx tinbeda t-triq sabiex jitwaqqfu.

## Talba għall-Vokazzjonijiet Karmelitani

**O Alla, Missier tagħna, Ibnek Ġesù qalilna: "M'hemmx imħabba akbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu." Agħti liż-żgħażagħ tagħna, qalb tħeġġeġ bl-imħabba, biex iwieġbu bil-qalb għas-sejħa tiegħek, u jagħtu ħajjithom għas-servizz tiegħek u ta' ħuthom il-bnedmin, permezz tal-ħajja reliġjuża u saċerdotali fl-Ordni Karmelitan. Għin lill-familji Nsara biex iħeġġu lil uliedhom iwieġbu bħal Marija: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skont kelmtek."**
**Dan nitolbuh f'isem Ġesù Ibnek, li miegħek jgħix u jsaltan, flimkien mal-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.**

## Talb għall-Abbonati u l-Benefatturi

**Infakkru li f'kull tnejn tax-xahar, fil-knisja l-qadima ta' Santa Venera, issir quddiesa għall-bżonnijiet tal-abbonati u l-benefatturi ħajjin u mejtin ta' *Il-Karmelu*. Nieħdu gost li minn djarkom tingħaqdu magħna fit-talb tagħkom.**